MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Numru 12/1998

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Salvatore sive Salvu Gauci**

**Il-Qorti**,

Rat is-sentenza moghtija fl-4 ta' Lulju 2001 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 12/1998;

Rat il-verdett moghti fis-seduta tal-bierah 3 ta' Lulju, 2001, li bih il-gurati sabu lil Salvatore sive Salvu Gauci (1) b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra, hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap. u (2) unanimament hati ta' l-akkuza taht it-Tieni Kap.

Tiddikjara ghalhekk lil Salvatore sive Salvu Gauci hati talli:-

**1. Dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna, jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt, cioe` lil Anna Kok;**

**2. Kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

Semghet lix-xhud Doris Camilleri prodotta mill-hati, tixhed bil-gurament ghall-fini tal-piena.

Semghet ukoll lill-Avukat difensur Dr. Malcolm Mifsud u lill-Avukat prosekutur Dr. Anthony Barbara jittrattaw dwar il-piena.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, aktar u aktar meta dan hu kaz ta' omicidju volontarju vjolenti, u partikolarment is-segwenti fatturi:

**1. Illi dan il-qtil volontarju u intenzjonat ta' Anna Kok da parti tal-hati Salvatore sive Salvu Gauci kien il-frott ta' sens kbir ta' vendikazzjoni u tpattija li dan il-hati kellu lejn din il-vittma tieghu ghaliex dehrlu, fl-opinjoni tieghu biss, li hi kienet ir-raguni tal-inkwiet u disgwid li kellu fil-hajja matrimonjali ma' martu Rose Gauci, oht l-istes vittma Anna Kok, raguni din li anke jekk hi vera, qatt ma tista' tiggustifika li xi hadd jiehu l-hajja ta' haddiehor b'dan il-mod;**

**2. Illi wahda mid-doveri principali tal-Qorti hi li tassew tidher apertament li qed thares l-interessi tas-socjeta` Maltija u tipprotegiha b'mod adegwat u denji**

**kontra kull min abusivament jisfida l-ligijiet tal-pajjiz u l-ordni pubbliku.**

**3. Illi l-Qorti, specjalment f'kazijiet bhal dawn prezenti, trid ukoll tahseb fl-interessi tal-vittma w l-familjari tal-vittma, aktar u aktar meta delitti bhal dan ma jwasslu mkien aktar hlief konsegwenzi dizastruzi w hsarat irreparabbli u permanenti fejn l-ebda forma ta' kumpens ma hu qatt ser iservi ta' konsolazzjoni xierqa u adegwata in kambju ghall-hajjiet il-vittma.**

**4. Qieset ukoll li l-verdett f'dan il-guri hu fil-minimu rikjest mil-ligi 'ad validitatem', fatt dan li wkoll jigi konsidrat mill-Qorti, fl-interess tal-hati, meta tigi biex tiddecedi x'piena tapplika f'dan il-kaz.**

**5. Qieset ukoll il-fatt li l-hati kkopera mal-Pulizija u ma' l-awtoritajiet fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz li gie solvut minghajr problemi jew dewmien propju ftit sieghat biss wara l-akkadut.**

**6. Tara li ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, u kull cirkostanzi ohra li dehrilha rilevanti, bl-iskop li jintlahaq bilanc adegwat bejn l-interessi ta' l-akkuzat, tas-socjeta`, u tal-vittma u l-familjari mmedjati taghha b'mod li tigi amministrata retta gustizzja ma' kulhadd.**

Rat l-Artikoli 23, 211(1)(2) u 533 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 13(1) u 19 tal-Kap. 66.

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-hati Salvatore sive Salvu Gauci ghall-ghoxrin (20) sena prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija u tliet liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm903.92) ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, pagabbli skond il-ligi, u fin-nuqqas dawn jigu konvertiti f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi. Tordna l-

konfiska ta' l-arma, is-sikkina, esebita fl-atti taht l-exhibit numru tal-Laboratorju Forensiku 97 AQI 508."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fit-23 ta' Lulju 2001 li bih talab li din il-Qorti "thassar id-dikjarazzjoni ta' htija u tordna li jigu registrati verdett u sentenza ta' liberazzjoni, jew tghaddi ghal dik is-sentenza li jkun jidhrilha xierqa u gustifikata skond il-ligi".

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-appellant ghandu zewg aggravji, u cioe` li kien hemm (1) irregolarita` matul il-kawza/interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett, u (2) li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jirreferi ghall-incident meta d-difensur tieghu talab ghax-xoljiment tal-guri wara li x-xhud Lydia Zammit qalet fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2001 li l-appellant, allura l-akkuzat, kien "diehel u hiereg il-habs". Irrimarka wkoll fir-rikors ta' appell li huwa stramb kif f'dan l-istess kuntest ma giex ikkunsidrat dak li qalet xhud ohra, Romina McKay, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2001, fis-sens li "darba kont mort narah il-habs ta' Kordin". Skond l-appellant, galadarba l-gurija giet esposta ghal tali siltiet, mhux legalment ammissibbli, kellha tigi akkolta t-talba tad-difiza ghax-xoljiment tal-guri. L-ewwel Qorti, skond l-appellant, tat interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta issanzjonat irregolarita` procedurali billi cahdet it-talba tad-difiza.  Huwa kompla jissottometti:

"Minn qari akkurat tad-digriet relattiv jidher car illi l-kwistjoni tax-xoljiment giet marbuta biss u esklussivament mad-dispost tal-artikolu 489 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’kull rispett din hija posizzjoni zbaljata legalment u proceduralment. Effettivament, it-talba u r-raguni ghax-xoljiment, f’dan il-kaz, isibu konfort kemm f'interpretazzjoni

wiesgha tad-dispost ta’ 1-artikolu 489 tal-Kap 9 kif ukoll fl-applikazzjoni legittima tal-principji u regoli tad-dritt u procedura penali.

Filwaqt li l-artikolu tal-ligi cioe` 1-artikolu 489 tal-Kap 9 jirregola specifikatament li r-recidiva u l-kondotta precedenti ta’ akkuzat m’ghandhiex tkun mgharrfa lill-gurija hlief meta jingiebu provi tal-kondotta tajba ta’ l-akkuzat, it-talba ghax-xoljiment hija legittimament imsejsa fuq il-principju bazilari li m’ghandu jsir xejn li jista jikkrea pregudizzju rreparabbli ghall-akkuzat. Proprju anke l-ewwel Onorabbli Qorti gharfet dan "… il-Qorti trid tkun konvinta mill-gravita` u natura ta’ dik il-haga, fis-sens li trid tkun konvinta li dik tassew tista’ tikkrea pregudizzju irrimedjabbli lil xi akkuzat", izda kontrarjament ghal din l-argumentazzjoni korretta, l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghax-xoljiment.

L-argument migjub mill-Onorabbli Qorti Kriminali hu li la darba dak li qalet Lydia Zamnit (u hawn kellu jissemma ukoll dak li qalet Romina McKay) **hija biss espressjoni vaga** (enfazi tal-esponent) u ma jaghmilx prova skond il-ligi ta’ xi “previous conviction jew convictions” tal-akkuzat, dan ma jinkwadrax ruhu fid-dispost tal-artikolu 489 u ghalhekk it-talba ghax-xoljiment ma treggix. Qalet ukoll l-ewwel Onorabbli Qorti illi sabiex jigi xolt il-guri il-prosekuzzjont trid tkun gabet a konjizzjoni tal-gurija *"bhala fatt pruvat xi antecedent kriminali ta1-akkuzat"* (bhal per ezempju xi kopja awtentika ta’ sentenza tal-Qorti ta’ Gustizzja Penali). Donnu allura qed jinghad li l-prosekuzzjoni tista' tressaq xhieda, jixhdu dwar il-kondotta tal-akkuzat, u xorta ma tikkawzax pregudizzju ghax ma jressqux bhala *"fatt pruvat xi antecedent kriminali ta1-akkuzat."*

Dan mhux korrett u mhux accettabbli fil-procedura penali taghna.

Bil-kliem li qalu Lydia Zammiit u Romina McKay saret referenza, cara u inekwivoka, ghall-kondotta precedenti tal-esponent. Inutili l-kwistjoni jekk l-affari hijiex gravi jew gravi bizzejjed — il-fatt biss li tista' tikkrea pregudizzju, -

b'din biss tiskatta r-raguni valida, legalment u proceduralment, ghax-xoljiment tal-guri.

Kwalsiasi argument, li l-ewwel il-gurija tigi esposta u tithalla hekk esposta, biex wara fl-indirizz l-gurija tigi stradata li dawk is-siltiet ghandhom jigu skartati, ma jreggix logikament. Mhux gust li, ben sapendo, li silta mhix ammissibbli, hija potenzjalment ta' hsara irreparabbli, tithalla ssir biex imbaghad isir tentattiv biex jigi newtralizzat dan l-effett negattiv fl-indirizz. Il-hsara, f'dawn ic-cirkostanzi tkun saret, il-pregudizzju rrimedjabbli ghad-difiza jkun sar. Ghal min ghandu l-esperjenza tal-"iter" ta' guri hu edott, illi f'dan l-istadju hu tard wisq biex kwalsiasi opinjoni gia fformata mill-gurija titnehha facilment. Dan juri bic-car il-kliem tal-ligi meta tistipula "Li seta' kellha influwenza fuq il-verdett." Din 1-irregolarita` matul il-kawza kellha influwenza fuq il-verdett u dan kif anke jista' jigi muri waqt it-trattazzjoni orali ta' dan 1-appell.

Di piu` l-esponent hu tal-umli fehma illi logikament, il-konsegwenza u 1-konkluzjoni naturali tal-interpretazzjoni tal-Ewwe1 Qorti u 1-mod kif arginat 1-argument, kellu jkun x-xoljiment u mhux ic-cahda ta' tali talba. Anzi, rinfaccjata bis-sitwazzjoni tas-27 ta' Gunju 2001 u cioe' bid-diskors tax-xhud Lydia Zammit, kellha tkun 1-Onorabbli Qorti Kriminali li *ex offlcio* tordna x-xoljiment tal-Guri.

Illi m'hemmx ghalfejn wiehed imur 'il boghod. F1-udjenza tat-3 ta' Mejju 2001 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit" (Att ta' Akkuza numru 2/2000) l-Onorabbli Qorti Kriminali, wara li ezaminat is-silta *"ergajt ghamiltilna?",* (espressjoni uzata minn xhud — Supretendent tal-Pulizija) qalet li hawnhekk saret referenza indiretta, ghalkemm cara, ghall-kondotta precedenti ta' l-akkuzat. I1-Qorti kompliet li kif inhu risaput, il-kondotta tal-akkuzat m'ghandhiex tingieb a konjizzjoni tal-gurati hlief fil-kazijiet espressament permessi mill-ligi. Hemmhekk, il-Qorti, tal-fehma li b'dik 1-espressjoni 1-akkuzat jista' jsofri pregudizzju bi ksur tal-ligi, rriteniet li ma tarax kif jista' tali pregudizzju jigi evitat hlief billi tordna x-xoljiment. Effettivament gie ordnat ix-xoljiment.

B’kull rispett lejn 1-ewwel Onorabbli Qorti, hekk ukoll kellu jsir fil-kaz odjern."

Irid jigi osservat l-ewwelnett li Romina McKay xehdet fis-27 (mhux, kif indika l-appellant fir-rikors ta' appell, fit-28) ta' Settembru 2001. Barra minn hekk meta d-difiza talbet ix-xoljiment tal-guri hija rreferiet biss ghax-xiehda ta' Lydia Zammit u mhux ukoll ghal dik ta' Romina McKay. Difatti fil-verbal li d-difiza ghamlet meta l-kawza ssejhet fil-11.00 a.m. tat-28 ta' Settembru 2001, hija qalet hekk:

"Id-difiza titlob ix-xoljiment tal-gurija f'dan il-kaz stante illi waqt ix-xiehda tal-ahhar xhud imressqa mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-bierah u cioe` Lydia Zammit ghamlet referenza ghall-fatt li l-akkuzat kien diehel u hiereg il-habs u dan huwa ta' pregudizzju kbir ghall-akkuzat f'dan il-guri peress li skond il-ligi ma ghandu jitqieghed xejn quddiem il-gurati li jista' jippregudika lill-akkuzat sakemm dan ma jkollux x'jaqsam mal-kaz li jkun qed isir u li fih hu jkun akkuzat".

Huwa opportun pero` li jigu riprodotti l-partijiet relattivi mit-traskrizzjonijiet tax-xiehda taz-zewg xhieda msemmija.

Romina McKay kienet qed tigi kontro-ezaminata mid-difiza dwar ir-relazzjonijiet bejn l-appellant u l-mara tieghu, u proprju l-ahhar mistoqsijiet u risposti relattivi kienu dawn:

"Dif: Inti kellimt lil Salvu Gauci fuq dawn l-affarijiet biex tiftahlu ghajnejh?
Xhud: Le, kont nibza'.
Qorti: Tibza' minn xhiex?
Xhud: Le ifhimni mhux ser immur nghidlu isma' l-mummy ghandha hekk, ma kontx ha naghmel hekk.
Dif: U dwar ic-cappetta inti kont infurmajt lil Salvu Gauci?
Xhud: Jekk m'inhix sejra zball iva.
Dif: Inti kont ghidtlu?
Xhud: Darba kont mort narah il-habs ta' Kordin u kont ghidtlu li kien gara kaz hekk, jekk m'inhix sejra zball."

Aktar tard fl-istess gurnata xehdet Lydia Zammit. Din id-darba r-referenza ghall-habs saret wara domanda tal-prosekuzzjoni:

"Pros: Ir-relazzjonijet bejn Rose u Salvu kif kienu?
Xhud: Ma tantx huma tajbin, minn dejjem ghax hu diehel u hiereg il-habs, qatt ma ried jahdem.
Pros: Kien jaghmlilha xi haga lilha?
Xhud: Kemm-il darba sawwatha."

Mill-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2001 jirrizulta li Romina McKay xehdet qabel il-11.00 a.m. filwaqt li Lydia Zammit xehdet fl-istess gurnata wara t-3.15 p.m. u kienet l-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni. L-ghada filghodu fit-28 ta' Gunju 2001 sar access fuq il-post fejn sehh id-delitt. Waqt l-access, li ghalih kienu prezenti wkoll id-difensuri ta' l-akkuzat, xehdu l-A.I.C. Richard Aquilina, is-Supretendent Joseph Valletta, l-iSpettur Silvio Valletta, WPS 95 Jean Farrugia, u Lydia Zammit. Meta mbaghad ssejhet il-kawza fil-11.00 a.m. saret it-talba mid-difiza ghax-xoljiment tal-guri minhabba l-kliem li kienet uzat Lydia Zammit il-gurnata precedenti. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghax-xoljiment tal-guri b'digriet moghti fit-28 ta' Gunju 2001 fit-3.05 p.m. u aktar tard wiehed mid-difensuri ta' l-akkuzat beda d-difiza.

L-ewwel Qorti kkunsidrat li t-talba tad-difiza kienet bazata fuq l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li "m'ghandux jinghad lill-guri li l-akkuzat kien qabel misjub hati u ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri jkun iddikjara l-akkuzat hati ta' dan l-ahhar reat". Hija qalet li dan ifisser li l-guri m'ghandux isir jaf permezz ta' prova cara u konkreta dwar xi *previous convictions* ta' l-akkuzat u li huwa f'dan is-sens li l-prosekuzzjoni ma tistax iggib xi provi a konjizzjoni tal-guri li juru minghajr dubju bhala fatt pruvat xi antecedent kriminali ta' l-akkuzat; meta jigri hekk allura guri ghandu jigi xolt. Fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti kkunsidrat:

"Issa fil-kaz in ezami, dak li qalet Lydia Zammit certament ma jinkwadrax ruhu f'dan id-dispost tal-ligi. Dak li qalet

Lydia Zammit, apparti li qalitu spontaneament u mhux bhala konsegwenza naturali jew logika ghal xi domanda tal-Prosekutur intiza biex tohrog xi passat kriminali ta' l-akkuzat, kienet biss espressjoni vaga li, fi kwalunkwe kaz, mhix prova tal-veracita` tal-fatt allegat minnha. Il-Ligi titkellem b'mod car fuq **previous convictions**, cioe`, li dak li jigi mgharraf lill-Guri ghandu jkun fatt pruvat skond il-ligi li l-akkuzat kien precedentement gie misjub hati w kundannat fuq xi reat jew reati ohra.

Dak li qalet Lydia Zammit zgur mhux prova fattwali li l-akkuzat tassew kien il-habs qabel fuq xi sentenza definittiva tal-Qorti. Ghall-grazzja ta' l-argument biss, anke jekk l-akkuzat kien il-habs qabel, ma nafux bhala stat ta' fatt pruvat x'kienet ir-raguni ghaliex kien il-habs, jekk kienx biss, per ezempju, ghal xi zmien fuq xi arrest preventiv. Fir-realta` hemm diversi ragunijiet li persuna tista' tkun fl-ambjent tal-habs minghajr ma jkun kaz ta' xi kundanna mill-Qorti. Hu f'dan is-sens, ghalhekk, li dak li qalet Lydia Zammit hu biss espressjoni maghmula b'mod vag u spontaneu u li, fi kwalunkwe kaz, ma jaghmilx prova skond il-ligi ta' xi "previous conviction jew convictions" ta' l-akkuzat.

Illi, u dan il-Qorti qed tghidu ghal kull buon fini, dak li qalet Lydia Zammit mhix xi haga li mhix rimedjabbli, u, ghalhekk, hi qed tirrizerva li fil-mument opportun ta' l--indirizz taghha lill-Guri, jekk thoss il-bzonn jew necessita`, taghti d-direttiva taghha lill-Guri sabiex jiskarta dak kollu li gie biss allegat u mhux pruvat, u li ghandu jiddeciedi biss fuq dawk il-fatti li jirrizultaw mill-provi li tressqu tul dawn il-proceduri.

Finalment, apparti ta' dak kollu li gja' intqal fuq, u in addizzjoni ta' l-istess, ta' min jghid ukoll li f'cirkostanzi bhal dawn, il-Qorti li ssirilha talba ghax-xoljiment tal-Guri, ghandha toqghod ferm attenta qabel ma tasal sabiex tilqa' tali talba, u ghandha zzomm ruha strettament fil-parametri tal-ligi skond il-fuq imsemmi dispost. Il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha bil-ghaqal u skond il-buon sens sabiex tara w tezamina sewwa n-natura w gravita` ta'kull haga li tigi allegata li ghandha twassal ghax-xoljiment tal-

Guri. Il-Qorti trid tkun konvinta mill-gravita` w natura ta’ dik il-haga, fis-sens li trid tkun konvinta li dik tassew tista’ tikkrea pregjudizzju rrimedjabbli lil xi akkuzat. Alla hares ma jkunx hekk ghaliex, altrimenti w indubjament il-maggoranza skjaccanti tal-Gurijiet jistghu facilment jigu xjolti fuq semplici rimarka li kull xhud jista’ jghid b’mod legger, vag u/jew spontaneu. Tant hu minnu dan li qed tghid il-Qorti li altrimenti hemm lok ghall-sitwazzjoni facilment prevedibbli fejn xhud jista’ b’mod abusiv, jew minhabba xi ftehim milhuq minn qabel, jew minhabba kwalunkwe raguni jew interess li jista’ jkollu, jallega xi antecedent fuq xi akkuzat bl-iskop uniku w predeterminat li bis-sahha ta’ dik l-allegazzjoni l-Guri tieghu jigi xjolt.

U hu propju hawn fejn il-Qorti ghandha tara li l-interess tal-gustizzja jigi tassew salvagwardat u milhuq kif titlob il-ligi. Ghalhekk hu ferm importanti, kif ukoll necessarju, li d-dispost ta’ l-Artikolu 489 tal-Kodici Kniminali ma jigix interpretat b’mod wiesgha jew estensiv fis-sens li kull semplici dikjarazzjoni jew allegazzjoni ta’ xi antecedent kriminali ta’ xi akkuzat, maghmula minn xi xhud, li ma tkunx ippruvata bhala fatt skond il-ligi, ghandha twassal ghax-xoljiment tal-Guri. Ghalhekk jigi enfasizzat li hu ferm essenzjali li l-Qorti tikkunsidra sewwa l-gravita` w natura ta’ tali dikjarazzjonijiet/allegazzjonijiet, u tara wkoll jekk humiex rimedjabbli jew le.

Ghalhekk ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti qed tichad it-talba ta' l-akkuzat ghax-xoljiment tal-Guri w tordna l-kontinwazzjoni tas-smigh ta’ dawn il-proceduri."

Dak li dwaru l-appellant qieghed jilmenta huwa dak li Blackstone jirreferi ghalih bhala *accidental prejudice* (**Blackstone's Criminal Practice 2001**, para. D11.21 pag. 1368). Hemm naqraw:

**"The way in which this most commonly arises is if a witness refers to the accused's bad character during a trial where character has not been put in issue. The leading authority is *Weaver* [1968] 1 QB 353 which held that, even in such cases, whether or not to**

**discharge the jury is for the judge's discretion. Although it had been said in *Palmer* (1935) 25 Cr App R 97 that, once a jury was wrongly allowed to hear evidence of a previous conviction, it was very difficult for them to dismiss that evidence from their minds, that case should not now be treated as establishing a general rule that they must inevitably be discharged. How the judge should act will depend on the facts of the particular case, and the court 'will not lightly interfere with' what he does (see Sachs LJ's judgment in *Weaver* [1968] 1 QB 353 at p. 359G).**

**In *Weaver* … (a)pproving the judge's refusal to discharge and dismissing W's appeal against conviction, Sachs LJ said that every decision turned on its own facts and depended especially on 'the nature of what has been admitted into evidence, the circumstances in which it has been admitted and what, in the light of the circumstances of the case as a whole, is the correct course' (p. 360B). The factors which particularly weighed against discharge were (a) that defence counsel had himself been responsible for inviting the answers which he then complained of, and (b) the degree of prejudice had been minimised by the judge's wise summing-up.**

**….**

**Where the accused is represented by counsel and prejudicial matters are accidentally disclosed it would seem that counsel must take the initiative and apply at trial for the jury to be discharged. If he fails to do so, any appeal is liable to be dismissed, even if the circumstances were such that, had an application for discharge been made, it would probably have been granted (see *Wattam* [1942] 1 All ER 178 …). It is different if the accused is unrepresented. Should circumstances then arise in which an application for discharge might succeeed, the judge is under a duty so to inform the accused."**

F'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** naqraw f'para. 8-203, pagna 1145:

**"Where it is accidentally elicited during the course of the case for the Crown that the defendant has been previously convicted the decision whether or not to discharge the jury is one for the discretion of the judge on the particular facts, and the Court of Appeal will not lightly interfere with the exercise of that discretion. Every case depends on its own facts and it is far from being the rule that in every case where something prejudicial to the defendant has been admitted in evidence through inadvertence, the jury must be discharged: *R. v. Weaver and Weaver* [1968] 1 Q.B. 353, 51 Cr.App.R. 77, CA, followed in *R. v. Palin*, 53 Cr.App.R. 535, CA. Where such irregularity occurs during the trial of a defendant who is not represented by counsel, it is the duty of the judge to warn him that he has the right to apply that the jury should be discharged and the trial started afresh: *R. v. Featherstone*, 28 Cr.App.R. 176, CCA; *R. v. Fripp and Jones*, 29 Cr.App.R. 6, CCA."**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ghamlet analizi tajba tal-pozizzjoni legali u uzat id-diskrezzjoni taghha korrettement fid-dawl ta' dak li gara.

Difatti f'dan il-kaz is-sitwazzjoni li emergiet hija li meta xehdet Romina McKay u ghamlet referenza ghall-fatt li darba marret tara lill-appellant il-habs, id-difiza la oggezzjonat ghal dan u lanqas talbet ix-xoljiment tal-guri minhabba dak id-diskors. Sahansitra meta ghamlet it-talba taghha fit-28 ta' Gunju 2001, id-difiza ghamlet referenza biss ghax-xiehda ta' Lydia Zammit u mhux ukoll ghal dik ta' Romina McKay.

Stranament, lanqas fil-mument li Lydia Zammit qalet li l-appellant kien "diehel u hiereg il-habs" ma saret xi oggezzjoni mid-difiza. Ghall-kuntrarju, hija kompliet tixhed u sahansitra sarilha kontro-ezami dettaljat mid-difiza. Meta spiccat tixhed, gie ordnat li jsir access l-ghada filghodu fid-9.00 a.m., liema access sar, u kien biss meta regghet issejhet il-kawza fil-11.00 a.m. li tqajjem il-punt in ezami.

Minn dan kollu jidher li l-guri baqa' ghaddej b'mod regolari u b'mod normali minghajr ma l-kwistjoni, li l-appellant qieghed issa jsostni hija ta' gravita` tali li seta' jkollha effett fuq il-verdett, giet sollevata hekk kif tlissen id-diskors li dwaru qieghed jilmenta, u meta jaf li dwar dak li qalet Romina McKay ma tqajmet l-ebda oggezzjoni fl-ebda stadju tal-guri.

Barra minn hekk, dak li qalu dawn iz-zewg xhieda ma jistax certament jittiehed bhala xi prova "li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati u ikkundannat". Fil-kawza li ghaliha rrefera l-appellant (**Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**) l-espressjoni li waslet ghax-xoljiment tal-guri kienet intqalet minn Supretendent tal-Pulizija, fejn allura l-gurati setghu facilment jifhmu li l-akkuzat f'dik il-kawza kien diga` gie kkundannat ghal xi reat iehor, u fejn it-talba ghax-xoljiment saret minnufih kif tlissnet dik l-espressjoni.

Inoltre l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta' l-appellant odjern, fl-indirizz tieghu ma rreferiex ghad-diskors li ntqal miz-zewg xhieda msemmija (u f'dan is-sens ghamel sew, proprju biex ma jaghtix indirettament xi importanza partikolari lil dak il-kliem), izda mbaghad kien car fid-direttiva li ta lill-gurati dwar dak li setghu jikkonsidraw fid-deliberazzjonijiet taghhom:

"Intom mitlubin, u hadtu l-gurament f'dan is-sens fil-fatt, illi kull decizjoni li taghtu tridu taghtuha a bazi tal-provi li smajtu u rajtu hawn gew biss. X'kontu tafu, jew xi stajtu kontu tafu, jew x'allegazzjonijiet saru fuq xi hadd, fuq il-passat tieghu, u hekk, dak ma jiswa xejn. Oqoghdu attenti ghax kultant jigi xi hadd hawn, jghid u iva, dak ghamel hekk, u dak nafu, u dak hekk - dak ma jiswa xejn. Tridu tiddeciedu biss fuq il-provi li smajtu hawn gew. Dan huwa punt kardinali"  (**sottolinear tal-Qorti**).

Ghandu jigi osservat ukoll li l-informazzjoni li nghatat mix-xhieda msemmija fil-kors tad-deposizzjoni taghhom waqt il-guri saret b'mod ghal kollox accidentali. Mhux kull incident li jista' jkun ta' xi pregudizzju ghall-akkuzat ghandu necessarjament iwassal ghax-xoljiment tal-guri. Kull kaz jinhtieg li jigi kkunsidrat ghalih.

Din il-Qorti tirribadixxi li fil-kaz in ezami, ir-rimarki li ghaddew Romina McKay u Lydia Zammit dwar l-appellant ma jistghux jitqiesu bhala tali li jammontaw ghal xi prova li l-akkuzat kien gie misjub hati u gie kkundannat. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fir-rigward tar-rimarka ta' Lydia Zammit, il-mod kif din ir-rimarka harget kien wiehed vag u generiku ghall-ahhar. L-istess jista' jinghad dwar ir-rimarka ta' Romina McKay.

Il-Qorti Kriminali ghandha d-diskrezzjoni, moghtija lilha bil-ligi, li xxolji jew li ma xxoljix il-guri tenut kont tal-gravita` u n-natura ta' dak li jkun intqal dwar l-akkuzat. Fil-kaz in ezami l-Qorti Kriminali, wara li rriflettiet dwar dan l-incident, iddecidiet li ma kienx kaz li jiggustifika x-xoljiment tal-guri. Din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tiddisturba qatt leggerment l-ezercizzju diskrezzjonali maghmul mill-Qorti Kriminali jekk mhux ghal raguni gravi. Fil-kaz in ezami, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kliem li qalu x-xhieda dwar l-akkuzat m'ghandhomx jitqiesu li jammontaw ghal "… irregolarita` … li seta' kellha influwenza fuq il-verdett" fis-sens tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 501 tal-Kodici Kriminali, specjalment tenut kont tal-mod fuggesk li bih sar accenn ghall-habs u tal-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri u tad-direttiva specifika tieghu aktar 'il fuq riportata. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata li ma xxoljix il-guri.

Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu michud.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant isostni li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni l-gurija ma setghetx legittimament u ragonevolment tasal ghal verdett ta' htija ta' omicidju volontarju. Ighid li dan johrog car minn ezami akkurat sew tal-provi li jistghu jirrizultaw minn xhieda individwali u sew mill-assjem tal-provi kollha u c-cirkostanzi tal-kaz. Il-linja difensjonali principali ta' l-appellant kienet li huwa ma kellux l-intenzjoni li joqtol lil Anna Kok. Huwa josserva li l-prova diretta u bl-ebda mod kontradetta hija l-istqarrija tieghu bil-gurament u *a tempo vergine* fejn, *inter alia*, jghid: *"Jien hadt is-sikkina mhux*

*biex noqtolha, ridt inbezzaghha .... Jien ma hrigtx is-sikkina mill-ewwel, izda wara li tefghatli dak f'wicci .... ghal dak li kienet taghmilli fil-passat ..."*. Jirreferi wkoll ghal dak li xehed P.S. 1404 Anthony Cutajar li: *"Waqt li kont sejjer lura bih fid-depot Salvu qalli 'jaqaw mietet?' u jien weghdtu illi ma kinitx mietet u qalli dawn il-precizi kelmiet* ***'jien ma ridtx noqtolha jiena ghal saqajha mort'****."* Ghalhekk l-appellant isostni li dan il-komportament, abbinat mal-post fejn gew inflitti l-feriti, qatt ma jista' jindika intenzjoni omicida li hi rikjesta ghall-omicidju volontarju izda, fl-aghar ipotesi, ghal ferita gravi segwita bil-mewt. Skond l-appellant, dan kollu jorbot ma' linja difensjonali ohra prospettata mid-difiza, dik tal-konkawza skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 220 tal-Kodici Kriminali. Inoltre jishaq li mill-provi tal-prosekuzzjoni saret il-prova sal-grad tal-probabbli li fil-mument tar-reat huwa kien kolpit minn agitazzjoni tal-mohh ai termini tal-ligi.

Il-kwistjoni kollha f'dan l-aggravju principali ta' l-appellant hi jekk huwa kellux verament l-intenzjoni li joqtol lil Anna Kok jew li jqeghdilha hajjitha f'perikolu car – allura l-intenzjoni omicida taht iz-zewg forom taghha, dik pozittiva diretta u dik pozittiva indiretta – jew l-intenzjoni tieghu kinitx semplicement dik li jwegga', anke jekk gravement jew serjament, lill-imsemmija Kok. Fl-ewwel kaz, l-appellant ghandu jwiegeb ghal omicidju volontarju, fit-tieni kaz ghal offiza gravi segwita bil-mewt. Biex jaslu ghall-konkluzjoni li hawn si tratta ta' omicidju volontarju, il-gurati kellhom ikunu konvinti moralment li (1) jew l-appellant ra l-mewt bhala konsegwenza ta' ghemilu u ried dik il-mewt ta' Kok, jew (2) li huwa ra l-mewt bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilu u ghalkemm ma riedx il-mewt huwa xorta wahda ghamel dak l-att jew dawk l-atti li kien jaf li probabbilment kien jew kienu ser jikkawzaw dik il-mewt. Fl-assenza ta' xi wahda jew ohra ta' dawn iz-zewg forom ta' intenzjoni, il-gurati kellhom jikkonkludu li l-appellant ried biss iwegga' lil Kok; u peress li mbaghad huwa ghandu jwiegeb ghall-konsegwenzi kollha ta' dik l-offiza, allura huwa ghandu jwiegeb ghar-reat ta' offiza gravi segwita bil-mewt.

Issa, kif tajjeb gie osservat mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti – l-att materjali li sar – kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet. Apparti konsiderazzjonijiet ohra, l-appellant mar armat b'sikkina ippuntata – speci ta' "filleting knife" – li kellha xafra ta' ftit aktar minn tmien pulzieri, u li certament huwa strument idoneu li bih wiehed jista' jikkaguna l-mewt. Huwa mar ghal Anna Kok ghax kien qed iqis li hija kienet il-kawza tal-gwaj kollu li kellu mal-mara tieghu, u ghalhekk meta rrinfaccjaha fit-triq armat b'dik is-sikkina il-hsieb tieghu certament ma kienx li jkollu konversazzjoni djalogata bejn tnejn, izda, kif jammetti huwa stess, li juza dik is-sikkina fuqha. Mill-banda l-ohra, pero`, id-daqqiet fuq il-persuna ta' Kok ma gewx vibrati lejn partijiet li wiehed normalment iqis li huma vitali, bhal, per ezempju, xi kavita` tal-gisem fejn kulhadd jaf li hemm organi delikati suxxettibbli ghal emoragiji u li jikkontrollaw funzjonijiet hekk ukoll imsejha vitali – l-imsaren, il-qalb, il-pulmun, il-mohh. Iz-zewg daqqiet kienu wahda fuq ir-rigel tal-lemin 'il fuq mill-irkoppa u l-ohra – li minhabba fiha zvinat Anna Kok – fuq in-naha ta' fuq u ftit 'il gewwa fuq il-koxxa l-leminija.

Kif inhu risaput din il-Qorti, bhala regola, ma tiddisturbax il-konkluzjoni milhuqa mill-gurati a bazi tal-fatti li jkunu gew prezentati quddiemhom, jekk huma, wara li jkunu gew indirizzati sew mill-Imhallef kemm fuq l-aspetti legali kif ukoll fuq dawk fattwali tal-kaz, ikunu waslu ghal konkluzjoni li legalment u ragjonevolment setghu jaslu ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax il-gudizzju tal-gurati bil-gudizzju li kieku hi (cioe` din il-Qorti) kienet tasal ghalih fuq dawk l-istess fatti, basta li tkun sodisfatta li l-gurati (1) gew "properly directed" u li (2) l-konkluzjoni milhuqa minnhom kienet wahda mhux biss legali izda wkoll ragjonevoli fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Issa, ghalkemm l-appellant ma hux jilmenta b'xi mod mill-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, galadarba huwa qed jikkontendi li l-provi kienu juru bic-car li l-

intenzjoni tieghu ma kinitx li joqtol lil Anna Kok (jew li jqeghdilha l-hajja taghha f'perikolu car) izda kienet biss dik li jaghmlilha hsara fuq il-persuna taghha, din il-Qorti hi obbligata li tezamina mhux biss il-provi kollha, izda wkoll l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri biex tara jekk kienx hemm xi haga f'dak l-indirizz li seta' zgwida lill-gurati, u dan tenut kont tal-fatt li hawn si tratta ta' linja ta' demarkazzjoni fina bejn l-intenzjoni specifika omicida (l-*animus necandi*) u l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara lill-persuna (l-*animus nocendi*).

Din il-Qorti, wara li ezaminat aktar minn darba l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri hi tal-fehma li dan hu, fis-sustanza tieghu, wiehed bilancjat u korrett. L-indirizz iqieghed quddem il-gurati l-punti legali kollha li kienu "in issue", ipoggi quddiemhom il-linji difensjonali kollha, u b'mod partikolari – <u>salv dak li sejjer jinghad aktar 'l quddiem</u> – ihalli lill-gurati fil-liberta` li jiddeciedu dwar ir-rizultanzi fattwali in omagg ghall-principju, li johrog mill-Artikolu  436(2) tal-Kodici Krminali, li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatt. Madanakollu, fil-kors ta' l-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghal aktar minn darba irrefera <u>b'mod mhux ghal kollox preciz</u> ghal "principju" jew "presunzjoni" li fil-fehma ta' din il-Qorti seta' kellu jew kellha effett determinanti fuq il-konkluzjoni li waslu ghaliha l-gurati, cioe` l-konkluzjoni li hawn si trattava ta' intenzjoni omicida u mhux semplicement ta' intenzjoni li wiehed iwegga' lil dak li jkun. Il-brani li jippreokkupaw lil din il-Qorti huma s-segwenti (b'sottolinear ta' din il-Qorti):

**"Tridu taraw mela Sinjuri Gurati jekk hux veru li qed tghid il-prosekuzzjoni li hu kellu l-intenzjoni specifika diretta li joqtolha jew inkella li kellu l-intenzjoni specifika indiretta li jpoggilha hajjitha f'perikolu car, jew jekk kellux dak li qed tghid id-difiza, mhux din l-intenzjoni specifika, imma l-intenzjoni generika li jikkagunalha hsara fil-persuna taghha…U anke hawn hekk nerga' naghtikom ezempju, biex forsi tifhmu ezatt, biex tifhmu u taraw x'inhi l-intenzjoni. Hemm presunzjoni <u>anzi principju</u> illi kulhadd irid il-konsegwenzi naturali tal-ghemil tieghu, ta' dak li jaghmel. Jekk jien naqbad din it-tazza tal-hgieg u**

**b’sahhti kollha nsabbatha ma’ l-art, il-konsegwenza naturali, logika taghha, x’inhija? Li din tinkiser. Jigifieri f’cirkostanzi bhal dawn jien ma nistax nghid ridt insabbatha iva, pero` ma ridthiex tinkiser. Jekk jiena, jigifieri, ghamilt att, li kjarament juri jew ragjonevolment wiehed jista’ jasal ghall-konkluzjoni li l-konsegwenza naturali ta’ dak l-att tieghi hija li dik it-tazza tinkiser, allura jien irrid nirrispondi ghal fatt li dik it-tazza inkisret. Allura jien hemmhekk ghandi l-intenzjoni li dika t-tazza ridtha tinkiser ukoll.**

**Jekk mill-banda l-ohra, nixtri tazza jien minghand tal-hanut, - u dan jghidli, jaghti certifikat, garanzija, li din *unbreakable glass*, - u jien immur id-dar, naqbadha din it-tazza u jien l-istess insabbatha ma’ l-art halli nara din it-tazza hiex *unbreakable*. – Jien dak il-mument meta insabbatha qed nipprezumi li din ser tibqa' shiha. Pero` tinkiser. <u>Il-konsegwenza naturali ta’ dak l-ghemil tieghi, meta jien ghandi garanzija li dik it-tazza ma tinkisirx, il-konsegwenza naturali ma hiex li dik it-tazza tinkiser</u>, - bhal fl-ewwel ezempju, - imma li ma tinkisirx. U jekk din inkisret ma kellix l-intenzjoni li tinkiser jiena, anzi, kelli l-intenzjoni li din ma tinkisirx, jigifieri, mil-lat kemm ta’ l-ewwel ezempju kemm tat-tieni ezempju, tistghu taraw x’intenzjoni kelli. Ghalhekk hemm <u>il-principju illi kulhadd irid il-konsegwenzi naturali tal-ghemil tieghu</u>…**

**…Jigifieri jekk jien naghmel xi haga <u>illi wiehed ragjonevolment ghandu jahseb illi minn dik ix-xi haga jista’ jipprevedi li nista’ nikkagunalha il-mewt, - u fil-fatt issir il-mewt, hemm hekk allura ghandek l-intenzjoni specifika indiretta, illi jien poggejt il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, u din mietet</u>. Per ezempju nimbotta xi hadd mill-gallarija, jaqa’ ghal isfel, mhux bilfors tmut, imma jekk tmut jien irrid inwiegeb ghal omicidju volontarju…**

**…Punt iehor li ssemma’ minn naha tad-difiza, fuq din il-kwistjoni tal-intenzjoni, hija u huwa argument validu dan, - il-kwistjoni tal-lokalita` fejn saret il-ferita. Id-difiza qaltilkom illi l-ferita giet ikkagonata, wahda fl-**

**irkoppa il-parti ta' isfel, u l-ohra, fil-koxxa l-parti ta' fuq. U qaltilkom illi din tindika car illi l-intenzjoni li kellu l-akkuzat kienet biss, se mai, li jwegga' lill-vittma u mhux li joqtolha. Ghax wiehed ragjonevolment jahseb illi jekk inti trid toqtol lil xi hadd bis-sikkina, ma taghtihielux hekk imma taghtihielu hekk. Hija argument li ghandkom tikkunisdraw Sinjuri Gurati, ma inhiex qed nghidilkom li ghandu jwassalkom x'imkien, - daka arawh inthom, pero` hu argument li ghandkom tikkunsidraw Sinjuri Gurati, ma inhiex qed nghidilkom li ghandu jwassalkom x'imkien, dak arawh inthom, pero` hu argument li ghandkom tikkunsidraw. <u>Pero` mill-banda l-ohra ftakru f'dak li ghidtilkom ftit tal-minuti ilu, illi kulhadd huwa prezunt li jrid il-konsegwenzi naturali tal-ghemil tieghu</u>. Ftakru wkoll f'dak li ghidtilkom li meta jkollkom l-omicidju vlontarju, mhux biss unikament huwa rikjest l-intenzjoni specifika diretta li wiehed irid joqtol, pero` l-ligi tghid ukoll li anke jekk hemm l-intenzjoni specifika indiretta, li inti jigifieri poggejt il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, u saret il-mewt, allura hemmhekk ghandek l-intenzjoni [omicida].**

**U fuq dan il-punt tal-lokalita` tal-ferita, ghalkemm huwa argument validu li ghandkom tikkunsidraw, kien hemm ir-risposta minn naha tal-prosekuzzjoni, li wkoll huwa argument validu li ghandkom tikkunsidraw, <u>illi l-gisem tal-bniedem huwa ffurmat minn kavitajiet kif ghadna, mill-arterji u mill-vini li huma kollha vitali, u allura, skond il-prosekuzzjoni meta wiehed jaghti daqqa' ta' sikkina jew jispara, jolqot fejn jolqot, wiehed ragjonevolment ghandu jipprevedi illi ser johrog id-demm, illi ser tintlaqat xi arterja jew tintlaqat xi vina importanti. U qaltilkom li huwa immaterjali fejn inghatat id-daqqa ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dak li jholl u jorbot huwa li b'dak li ghamel l-akkuzat, Anna Kok mietet.</u> Dawn huma zewg argumenti, Sinjuri Gurati, li inthom tridu tikkunsidraw fuq din il-kwistjoni tal-intenzjoni."**

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, apparti n-nuqqas ta' precizjoni fil-mod kif dik il-Qorti esprimiet ruhha – u meta wiehed ikun qed jindirizza lill-gurati wiehed ghandu dejjem iqis kull kelma li jghid u jillimita l-ezempji u l-proposti legali ghal dak li hu strettament necessarju – l-introduzjoni tal-"presunzjoni" jew "principju" illi "kulhadd irid il-konsegwenzi naturali ta' l-ghemil tieghu" fil-kuntest ta' jekk fil-kaz *de quo* kienx hemm l-*animus necandi* jew l-*animus nocendi*, tisposta l-ezami tal-intenzjoni tal-appellant, allura akkuzat, minn dak li huwa verament kellu l-intenzjoni li jaghmel ghal dak li *ex post facto* jirrizulta li sehh. Inoltre, bil-fatt li l-ewwel Qorti donnha abbraccjat l-argument tal-prosekuzzjoni – argument li din il-Qorti ma tistax hlief tikkwalifikah bhala banali – li tolqot fejn tolqot fil-gisem tal-bniedem dejjem hemm il-possibilita` li tolqot xi vina jew arterja importanti u li johrog id-demm, u li allura jekk wiehed imut minhabba f'hekk, ikun hemm l-intenzjoni omicida (possibilment indiretta), l-ewwel qorti kienet prattikament qed teskludi l-offiza gravi segwita bil-mewt meta din l-offiza tkun wahda li ggib xi forma ta' emoragija. Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Il-mistoqsijiet li kellhom jitqieghdu quddiem il-gurati kienu semplici: (1) meta Gauci vvibra d-daqqa jew daqqiet fuq il-persuna ta' Anna Kok, huwa ried joqtolha jew ried ipoggilha hajjitha f'perikolu car (ghax basar x'setghu jkunu l-konsegwenzi ta' ghemilu), jew ma ried xejn minn dan u allura jigi li ried semplicement jaghmlilha hsara – zghira jew kbira irrelevanti?; u (2) mill-istrument li intuza, mill-post fuq il-persuna fejn gew maghmula l-offizi (jew 'il fejn kienu indirizzati xi daqqiet li addirittura setghu anqas biss laqtu lil Anna Kok), minn dak li Gauci qal qabel, waqt jew wara li ta bis-sikkina, wiehed jista' jkun moralment konvint – jigifieri minghajr dubbju dettat mir-raguni – li huwa ried joqtol lil Kok jew iqieghed il-hajja taghha f'perikolu car? Wiehed ma jistax iwiegeb korrettement ghal dawn il-mistoqsijiet billi jaghmel enfasi

preponderanti – kif donnha ghamlet l-ewwel Qorti jew stiednet lill-gurati li jaghmlu – ghall-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu ***The Criminal Law of Scotland*** [1]:
**"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."**[2]

U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fl-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"[3] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would**

[1] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.
[2] Para. 7.28, pp. 232-233.
[3] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

**have foreseen it. As Hall[4] says, *"In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons"*.**

**Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that "In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed". All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."** [5]

---

[4] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.
[5] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

Fil-kaz in dizamina, jista' jinghad li persuna ta' intelligenza normali ("the reasonable man") kien jara l-mewt bhala konsegwenza probabbli ta' daqqa ta' sikkina fil-koxxa n-naha ta' fuq? Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti ir-risposta ghandha tkun le. U jekk il-gurati waslu ghal konkluzjoni differenti dan x'aktarx kien dovut minhabba l-fatt li l-"presunzjoni" jew "principju" aktar 'il fuq imsemmi (cioe` illi "kulhadd irid il-konsegwenzi naturali ta' l-ghemil tieghu") ma giex imqieghed fil-kuntest korrett tieghu. Konsegwentement din il-Qorti ser twarrab il-verdett tal-gurati fejn huma sabu lill-appellant hati ta' omicidju volontarju, u minflok ser issib li huwa ghandu jwiegeb ta' offiza gravi segwita bil-mewt, mewt li sehhet fi zmien erbghin gurnata mid-data tad-delitt ghall-finijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 220 tal-Kodici Kriminali.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jistghu jinkwadraw l-elementi legali rikjesti ghal *con causa*. Ighid li l-feriti gew inflitti fl-20 ta' Marzu 1997 filwaqt li l-mewt grat fit-2 ta' April 1997 u f'dak il-perijodu graw affarijiet li huma rilevanti, senjatament il-fatt li lil Anna Kok sarulha diversi operazzjonijiet. Jirreferi ghal dak li xehed Mr. Dennis Gatt waqt il-kumpilazzjoni fis-sens li kien involut fit-tielet operazzjoni meta fit-22 ta' Marzu 1997 *"jigifieri jumejn wara, Anna Kok kellha bleeding qawwi mill-koxxa tax-xellug li kellha ma taqsam xejn mal-injury originali"*. L-appellant jghid li a bazi ta' din id-depozizzjoni, il-konkluzjoni naturali hi li l-mewt ma gratx minhabba l-konsegwenzi naturali tal-ferita/i originali, *"pero` ukoll minhabba fattur incidentali li nqala' wara li ma hu bl-ebda mod relatat mal-'injury' originali"*.

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jghid fir-rigward tal-*con causa*:

"Cases of supervening accidental contributory causes would be, for instance, the negligence of the doctor attending the patient, or the improper applications to the wound, or the non-observance by the patient of the

doctor's prescriptions. In all such cases we have a fact, a positive fact, independent of the act of the offender, which is super-added to the injury and produces effects which the injury, by itself, would not have produced. But the case would be otherwise if, for instance, the wound turns to gangrene, or septic poisoning or becomes grievous by its natural consequences, or from an operation rendered advisable by the act of the accused. The rationale of this is that a person who brought the victim into some new hazard of serious personal injury may fairly be held responsible if any extraneous circumstances, that were not intrinsically impossible, should convert the hazard into a certainty."

Fil-kaz in ezami, huwa veru li Mr. Dennis Gatt meta xehed waqt il-kumpilazzjoni rrefera ghall-fatt li t-tielet operazzjoni giet reza necessarja minhabba "bleeding" fil-koxxa tax-xellug tal-vittma. Huwa minnu wkoll li l-ferita principali kienet fil-koxxa tal-lemin ta' Anna Kok. Izda l-"bleeding" kien dovut ghall-fatt li d-demm ma kienx qieghed jikkoagula bhala rizultat tal-"bleeding" estensiv li sofriet bl-*istab wound*. Meta Mr. Dennis Gatt kien qieghed jixhed waqt il-guri, huwa wiegeb hekk ghal xi mistoqsijiet tal-Qorti:

"Qorti: Dawk l-interventi li saru wara … saru bhala konsegwenza naturali ta' dik l-injury li kellha jew saru accidentalment … ghax inqala' xi haga li ma kinitx prevista?

Xhud: Ahna hafna drabi ma jirnexxilekx fl-ewwel operazzjoni ssolvi l-problema serja ta' bleeding specjalment meta l-pazjent qed ikompli jibbleedja minhabba konsegwenzi ohrajn bhalma hu li d-demm ma jaqghadx. Imma mhux l-ewwel darba li pazjent ikollna noperawh tliet darbiet, erba' darbiet qabel ma jirnexxilna nsolvu l-problema ghax kull darba tinqala' problema gdida li ma jkollokx orignarjament. Imma kollha huma konsegwenzi ta' l-ewwel problema. Li kieku ma kellhiex din l-injury ma kien ikollha bzonn xejn minn dawn l-affarijiet.

Qorti: Ghalhekk ghidtlek kinitx xi haga accidentali, xi haga imprevista? Komplikazzjoni li nqalghet dak il-hin minghajr hadd ma kien qieghed jipprevediha?

Xhud: Le le ghaliex dik it-tip ta' injury f'dak il-loss kbir ta' demm u dawn l-affarijiet din hija konsegwenza naturali. Din dejjem tigri. Kull min jitlef hafna demm jispicca f'dan id-Disseminated Intravascular Coagulopathy [id-demm ma jibqax jaqghad aktar u anke jekk ikollok post fejn semplicement iddahhal drip ukoll jibqa' hiereg id-demm minn hemm] u hafna pazjenti jmutu minhabba f'hekk mhux minhabba li ma jistghux jinghataw il-kura. Hafna drabi l-problema tkun solvejtha. Jigifieri dan setghet per ezempju li fl-ewwel intervent mill-ewwel gie kkontrollat kull bleeding point imma xorta kienet tmut. L-ewwelnett ghax kellha mohha nafu li kien mejjet from the very beginning, artificjalment kienet qed tghix - brought in dead. Imma la darba tistabilixxi c-cirkolazzjoni mbaghad trid tkompli tipprova zzomm il-pazjent haj kemm jista' jkun qabel ma tasal li taghmel il-brain dead tests ghax dawk m'intix ha taghmilhom hlief wara perijodu twil ta' zmien.

Qorti: Jigifieri from the medical point of view il-mewt taghha kienet inevitabbli.

Xhud: Inevitabbli kienet m'ghandix dubju. Kif graw l-affarijiet b'dik l-injury u l-ammont ta' demm li tilfet minn dik l-injury - kieku kellha dik l-injury u jiena kont qieghed hdejha lest biex niftahha u nsewwiha .. konna nsalvawha. Imma c-cirkostanzi ma kinux hekk. Il-problema kienet li l-injury kkawzat dak l-ammont ta' demm li tilfet li mbaghad kellu dawk il-konsegwenzi kollha fuq il-kumplament tas-sistema, allura l-mewt taghha kien inevitabbli."

Minn dan huwa evidenti li ma kien hemm l-ebda cirkostanza indipendenti mill-att ta' l-appellant li kkawzat effetti li l-offiza, wahedha, ma kinitx tikkawza. Jigifieri l-mewt ta' Anna Kok grat minhabba n-natura u l-konsegwenzi naturali ta' l-offiza li hija garrbet u mhux minhabba xi kawza accidentali li nqalghet wara.

L-appellant jissottometti wkoll fir-rikors ta' appell tieghu li f'dan il-kaz kellu ragonevolment jikkonfigura l-iskuzanti tal-

passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh fil-waqt tad-delitt. Ighid li l-vittma kellha influwenza sostanzjali fuq il-hajja matrimonjali tieghu u mohhu kien qed jigi tormentat gradwalment - sahansitra jidher li f'xi zmien il-vittma kienet anke ssuggeriet lil "bint" l-appellant biex taghmel abort.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-linja difensjonali hi eskluza minn kliem l-appellant stess meta xehed li dakinhar ha s-sikkina mieghu minn qabel ghax ried "ipattiha" lil Anna Kok u li sussegwentement anke stqarr ma' ohtha Doris Camilleri li kien "pattihielha". Dan jeskludi l-possibilita` li l-appellant jipprevalixxi ruhu mill-attenwanti tal-provokazzjoni sija ghall-fini tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali u sija ghall-fini tal-proviso (kif kien fiz-zmien tar-reat) tal-paragrafu (c) ta' l-istess artikolu. Barra minn hekk, l-agir ta' l-appellant juri element ta' premeditazzjoni li difficilment hu rikonciljabbli ma' agitazzjoni tal-mohh, indipendentement minn jekk tali agitazzjoni tkunx ir-rizultat ta' provokazzjoni specifika o meno.

In vista tal-fatt li din il-Qorti ser issib lill-appellant hati ta' offiza gravi segwita bil-mewt, il-piena applikabbli skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 220 tal-Kodici Kriminali, hija dik ta' prigunerija minn sitt snin sa ghoxrin sena. Din il-Qorti, wara li qieset il-gravita` tal-kaz u, in partikolari, l-aggressjoni voluta li l-appellant ghamel fuq il-vittma b'arma li kienet idoneja biex tikkawza offiza gravi, u wara li qieset ukoll il-kondotta refrattarja ta' l-appellant, hi tal-fehma li l-piena xorta ghandha tkun wahda sostanzjali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell fis-sens li thassar is-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna, jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt, cioe` lil Anna Kok u minflok issibu hati talli ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta' Anna Kok li biha grat il-mewt ta' l-istess Anna Kok minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiza, liema mewt sehhet fi zmien erbghin gurnata mid-data tad-delitt, u dan skond l-artikolu

220(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Thassar ukoll is-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal ghoxrin (20) sena prigunerija bit-tnaqqis ta' kull zmien li kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, u minflok tikkundannah ghal dsatax-il (19) sena prigunerija bit-tnaqqis ta' kull zmien li kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------